

L-Erbgħa 5 ta' Lulju 2017

P8\_TA(2017)0294

**Ftehim biex jiġi emendat il-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, adottat f'Kigali \*\*\*****Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2017 dwar l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Emenda ta' Kigali għall-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (07725/2017 – C8-0157/2017 – 2017/0016(NLE))****(Approvazzjoni)**

(2018/C 334/32)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (07725/2017),
  - wara li kkunsidra l-Emenda ta' Kigali għall-Protokoll ta' Montreal, adottat fit-tmienja u għoxrin laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Montreal, li saret f'Kigali, ir-Rwanda f'Ottubru 2016,
  - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0157/2017),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4), u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0237/2017),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-emenda;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.